MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Rikors Numru. 1/2001/2

Rikors Nru: 1c/01 DM

Avukat Leslie Grech f'ismu proprju u ghan-nom tal-assenti (1) Amiti armla ta' Anthony Grech, (ii) Joyoti Grech (iii) Gitali mart James Melvin u (iv) Myra Grech u Monsinjur Maurice Grech

vs

Agent Kummissarju tal-Artijiet

Il-Bord,

Ra ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi:

1 Il-Bord tal-Arbitragg dwar Artijiet, fis-sentenza tieghu tas-sitta (6) ta' April tas-sena korrenti ffissa l-

kumpens relattiv ghall-akkwist tal-fond numru 11 Triq it-Torri, Valletta, fl-ammont ta' tliet mija sitta u tletin lira (Lm336), ghar-ragunijiet kontenuti fl-imsemmija sentenza.

2 L-atturi ihossu li huwa l-kaz fejn il-kawza tigi ritrattata ai termini tal-artikolu 811 subincis (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta minhabba applikazzjoni hazina tal-ligi;

3 Fil-kaz in ezami, l-atturi gew notifikati b'Avviz ghal Ftehim fis-16 ta' April 1998 fejn gew informati bil-kumpens ta' Lm336 li l-awtoroita kompetenti kienet lesta biex thallas ghax-xiri assolut tal-fond imsemmi, li kien akkwistat mill-awtoritajiet kompetenti b'titolu ta' pussess u uzu minghand l-aventi kawza tal-atturi permezz ta' att pubbliku datat 6 ta' Frar 1954, u li ghalih il-konvenut kien qed ihallas tnax-il Lira Maltin (Lm12) fis-sena bhala kera tal-akkwist;

4 Il-kumpens ta' Lm336 gie stabbilit mill-perit Mario Cilia fir-rapport tieghu datat 24 ta' Marzu 1998 (Dok A). L-atturi ma qablux ma dan il-kumpens, u saru l-proceduri appositi quddiem dan il-Bord, li wasslu ghas-sentenza imsemmija;

5 Il-Bord, fis-sentenza msemmija, adotta l-istima tal-perit Mario Cilia. Is-sentenza tghid hekk: "Difattti testwalment hu (perit Cilia) jghid hekk 'F'dan il-kaz, kien hemm digia acquisition rent ta' Lm12 fis-sena. Din tizdied b'erbghin fil-mija u mbaghad kapitalizzata times twenty, kif spjegajt, bil-hamsa fil-mija' (ara l-artikolu 27(13) tal-Kapitolu 88 citat). Illi fil-fatt, dan hu l-kriterju li hu stipulat mill-ligi sabiex jigi ffissat il-kumpens dovut bhal fil-kaz in desamina u mhix dak sottomess mill-intimati fir-risposta taghhom, a fol 13 tal-istess atti.";

6 L-imsemmija sentenza accettat il-metodu ta' kalkolu li uza l-konvenut permezz tal-perit Cilia. Skond l-imsemmija sentenza, dan il-kalkolu huwa skond l-kriterju stipulat mill-artikolu 27(13) li huwa applikabbli ghal kaz in ezami. Dan hija applikazzjoni hazina tal-ligi. L-ewwelnett, dan il-kalkolu tal-perit Cilia fil-fatt m'ghandu x'jaqsam xejn ma dak stipulat fl-artikolu 27(13) ( u lanqas mhu stipulat f'ebda artikolu iehor tal-Kap 88). Fit-tieni lok, l-artikolu 27 (13) assolutament mhuwiex applikabbli ghall-kaz in ezami. L-artikolu 27(13) jittratta dwar kumpens ghal art mehuda b'dominju pubbliku, li mhuwiex il-kaz, u ukoll, dan l-artikolu ma jistipula ebda mezz ta' kapitalizzazzjoni;

7 Il-ligi applikabbli hija l-artikolu 27(1) u cioe l-kumpens ghandu jkun il-valur li jkollha l-art fiz-zmien tan-notifika tal-Avviz ghall-Ftehim u minghajr ma jittiehed qies ta’ xogholijiet maghmulin meta l-art kienet fil-pussess tal-awtorita kompetenti, ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Talbu:

Li dan il-Bord ihassar u jirrevoka s-sentenza tieghu tas-6 ta April 2001, fuq imsemmija, stante illi din giet deciza a bazi ta applikazzjoni hazina bi ksur tal-Artikolu 811 subinciz (e) tal-Kap. 12 u jghaddi ghar-ritrattazzjoni tal-kawza relativa fuq il-meritu.

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-intimat, ingunt ghas-subizzjoni.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi.

Ra in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ l-Agenti Kummissarju ta’ l-Artijiet fejn eccepixxa illi:

1 Preliminarjament ic-citazzjoni hija nulla ghaliex ma gietx preceduta minn ittra ufficjali jew protest gudizzjarju ai termini ta’ l-artikolu 460 tal-Kap 12;

2 Subordinatament u minghajr pregudizzju, ic-citazzjoni hija inamissibbli in kwantu r-ritrattazzjoni mhux veru li hi bazata fuq l-artikolu 811(e) tal-Kap 12 izda hija tentattiv biex jigi rivedut semplici kalkolu matematiku u jigi interpretat mill-gdid l-istess dispositiv tal-ligi. Ghalhekk, m’hemm l-ebda applikazzjoni hazina tal-ligi.

3 It-talba ta’ l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

4 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Ra d-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut fejn espona illi:

1 L-ewwel paragrafu mhux kontestat.
2 Il-Bord applika sew il-ligi in materja;

3 Fir-rigward tat-tielet, raba u hames paragrafi jinghad li kemm il-kalkolu tal-perit Cilia kif ukoll il-konkluzjonijiet tal-Bord kienu korretti
4 Ghall-kuntrarju, l-pretenzjoni ta' l-atturi hija bla bazi guridika u fattwali u din il-kawza hija inammissibbli ghaliex ma tqajjem l-ebda gravam li jista jirradika ritrattazzjoni tal-kaz;
5 Fil-verita l-atturi jridu **interpretazzjoni** tal-artikolu 27 tal-Kap 88 u l-proceduri ta' ritrattazzjoni ma jippermettuhx dan.

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta Ottubru 2001 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni preliminari ta nullita' sollevata mill-konvenut.

Ra in-noti tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-procediment;

Ra d-dokumenti esebiti;

Semgha lill-avukati: u

Ikkunsidra:-

Bl-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu il-konvenut jinvoka l-provvedimenti tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 li jipprovdi:

*(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' dan 1-artikolu, ebda att gudizzjarju li bih jinbdew xi procedimenti ma jista' jigi pprezentat, u ebda procedimenti ma jistghu jittiehdu jew jinbdew, u ebda mandat ma jista' jigi mitlub, kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità ufficjali taghha, hlief wara li jghaddu ghaxart ijiem min-notifika kontra 1-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra ufficjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tigi mfissra b'mod car.*

*(2) Id-dispozizzjonjiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma applikawx —*

*(a) ghal azzjonijiet ghal rimedju taht 1-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni; jew*

*(b) ghal mandati ta' inibizzjoni; jew*

*(c) ghal azzjonijiet ghall-korrezzjoni ta' atti ta' 1-istat civili; jew*

*(d) ghal azzjonijiet li ghandhom jinstemghu bl-urgenza;*

*u meta skond id-dispozizzjonijiet ta' xi ligi ghandha tigi mharsa procedura partikolari, maghduda terminu jew zmien iehor, id-dispozizzjonijet tas-subartikolu (1) ta' dan 1-artikolu m'ghandhomx japplikaw u 1-imsemmija procedura, maghdud kull terminu jew zmien iehor, ghandha tapplika u tigi mharsa minflokhom.*

Ghalhekk dak li ghandhu jigi determinat fl-ewwel lok huwa jekk il-kawza ta ritrattazzjoni ghandhiex titqies bhala procediment gdid li jkun qed jinbeda kontra l-parti konvenuta fuq kwistjoni separata u distinta mill-kwistjoni originali jew ghandiex titqies bhala l-ahhar stadju fil-proceduri dwar il-kwistjoni originali li dwarha tkun inghatat is-sentenza attakkata.

F'dan l-ezami huwa essenzjali li jigu kkunsidrati t-talbiet specifici fil-procedura ta ritrattazzjoni u dawk maghmula fil-proceduri dwar il-kwistjoni originali biex jista jigi determinat jekk il-proceduri odjerni jistghux jitqiesu bhala parti mill-proceduri originali.

Fil-waqt li t-talbiet fil-proceduri dwar il-kwistjoni originali bejn il-kontendenti ikun jirrigwardaw esklussivament il-meritu ta dik il-kwistjoni li Qorti jkollha tiddetermina, fit-talba ta ritrattazzjoni il-Qorti ma tigi b'ebda mod kostretta li tezamina il-meritu tal-kwistjoni originali izda li tezamina biss jekk jirrizultawx xi ragunijiet elenkati fl-artikolu 811 tal-Kap. 12 biex tkun tista takkorda t-talba ghas-smigh mill-gdid tal-proceduri konkjuzi dwar il-kwistjoni originali.

Infatti bit-talba ghar-ritrattazzjoni l-parti jkun qieghed jitlob biss li tinghata lilhu il-fakolta' li jerga jibda mill-gdid il-proceduri dwar il-meritu tal-kwistjoni originali li kienu digia' gew determinati. Ghalhekk sakemm ma tkunx ghadha giet akkordata ir-ritrattazzjoni, il-kwistjoni deciza bis-sentenza attakkata tibqa kkunsidrata bhala 'res judicata' u t-talba ghar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-ezekuzzjoni ta dik is-sentenza jekk mhux bl-awtorizzazzjoni specjali tal-Qorti a tenur tal-Artikolu 823 tal-Kap. 12.

Fit-talba ghar-ritrattazzjoni ma ssir ebda riferenza ghad-drittijiet rispettivi tal-kontendenti dwar il-meritu tal-kwistjoni originali jew xi talba biex il-Qorti tikkunsidra l-istess meritu biex tvarja il-konkluzzjonijiet taghha, izda t-talba hija limitata biss biex il-Qorti tordna li jerghu jinbdew il-proceduri originali.

Ghalhekk ghall-istess intenzjoni u motivi tal-legislatur wara l-provvedimenti tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12 hija ghaldaqstant rikjesta l-istess interpellazzjoni qabel it-talba li issa mhux biss hija ntiza ghall-bidu mill-gdid tal-procediment originali izda anke ghall-ezami dwar l-ezistenza o meno ta xi raguni elenkata fl-Artikolu 811 tal-Kap. 12, li hija kwistjoni separata u distinta mill-meritu tal-kwistjoni originali.

F'dan ir-rigward huwa ukoll rilevanti li ssir riferenza ghall-Artikolu 818 u 820 (2) tal-Kap. 12 li jenfasizzaw li l-procedura ta ritrazzjoni hija separata u distinta mill-proceduri originali dwar il-meritu u li, b'differenza minn proceduri ta appell, l-argumenti rilevanti fit-trattazzjoni ta kawza ta ritrattazzjoni huma estranei ghall-meritu tal-proceduri originali.
Dawn jipprovdu, l-Art.818 ghal zmien indeterminat f'liema parti tista tigi ffaccata b'talba ghar-ritrattazzjoni stante il-gurnata indeterminata li minnha jibda jiddekorri t-terminu ta tlett xhur li fih tista ssir it-talba ghar-ritrattazzjoni, u l-Artikolu 820 (2) li jezigi dejjem sentenza separata fuq talba ta ritrattazzjoni.

Ghal dawn il-motivi tilqa l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut u fil-waqt li tiddikjara c-citazzjoni

nulla billi ma gietx preceduta b'ittra ufficjali jew protest gudizzjarju a tenur tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12, tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjes kontra l-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------